**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Jannar 2023**

**Rikors nru: 25 /2020 AGV**

**CM**

**vs**

**NC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' C M** datat 30 ta' Jannar 2020 fejn ippremetta s-segwenti:-

**A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. Illi bejn il-partijiet kien hemm proceduri ta' Medjazzjoni liema proceduri nghalqu permezz ta' digriet datat 3 ta' Dicembru, 2019, kopja qieghda tigi prezentata u mmarkata Dok. 'A', liema digriet stieden lil min mill-partijiet jipprocedu bil-kawza appozita entru t-terminu preskritt mil-Ligi.

2. Illi r-rikorrenti pprevalixxa ruhu minn dan id-dritt u ser jipprocedi bil-kawza appozita.

3. Illi minn relazzjoni ta' bejn il-partijiet twieldu l-minuri SM nhar il-21 ta' Lulju, 2007 u SYL M. nhar is-6 ta' Lulju, 2010 – certifikat tat-twelid tal-minuri qieghed jigi anness u mmarkat Dok. 'B' u Dok. 'C' rispettivament.

4. Illi permezz ta' digriet datat 25 ta' Awwissu, 2019 li kopja tieghu qieghda tigi annessa u mmarkata Dok. 'D'. L-Onorabbli Qorti tal-Familja kif kostitwita ordnat li l-ammont f'manteniment ghaz-zewg minuri ghandu jkun dak ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar, liema ammont jinkludi fih l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u liema somma bidlet *contrario imperio* d-digriet li kien gie moghti lura nhar il-31 ta' Ottubru, 2013, kopja annessa u mmarkata Dok. 'E' fejn l-ammont f'manteniment li kien jithallas mir-rikorrenti ghaz-zewg uliedu kien dak ta' mija u hamsin ewro fix-xahar (€150).

5. Illi r-rikorrenti ma qabilx mad-digriet moghti datat 25 ta' Awwissu, 2019 (vide Dok. 'D') u prezenta rikors jitlob sabiex *contrario imperio* l-Onorabbli Qorti tirrevoka d-digriet taghha.

6. Illi r-rikorrenti spjega u prezenta diversi dokumenti in sostenn tar-raguni ghalfejn ma jistax ihallas is-somma ta' hames mitt ewro fix-xahar (€500),

izda l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 14 ta' Ottubru, 2019 li kopja tieghu qeghda tigi annessa u mmarkata Dok. 'F', cahdet it-talba.

7. Illi r-rikorrenti kellu ghalhekk jintavola proceduri odjerni.

**B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI**

8. Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet twieldu zewgt itfal S u SYL. M

9. Illi lura fis-sena 2013 l-esponenti kien fetah proceduri ta' Medjazzjoni numru 131/2013 kontra NC jitlob sabiex jinghata access u matul l-istess proceduri kien gie stabbilit il-manteniment li l-esponenti gie ordnat jivversa.

10. Illi dak in-nhar il-Qorti kienet ordnat li nhallas mija u hamsin ewro fix-xahar (€150) u dan wara li evalwat is-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrenti ta' dak iz-zmien.

11. Illi minn dak iz-zmien sad-data tal-25 ta' Awwissu, 2019 cioe' meta r-rikorrenti gie ordnat ihallas hames mitt ewro (€500) minflok mija u hamsin ewro (€150), is-sitwazzjoni tar-rikorrenti ma mmeljoratx ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jifhem x'kienet ir-raguni u x'wassal lill-Onorabbli Qorti tvarja l-ammont f'manteniment li gie ordnat ihallas permezz tad-digriet datat 25 ta' Awwissu, 2019.

12. Illi meta N C prezentat in-nota guramentata taghha telenka l-ispejjez mensili u dawk annwali li tonfoq ghaz-zewg minuri, naqset milli tipprezenta kopja tal-ircevuti biex tissostanzja l-infieq. Naqset ukoll milli

tipprezenta kopja tal-introjtu percepit mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Din in-Nota giet prezentata fl-Atti tal-Medjazzjoni numru 35/2019.

13. Illi nonostante li da parti ta' CM. intalab sabiex l-Onorabbli Qorti kif preseduta tordna lil NC tipprezenta l-introjtu minnha percepit, l-Onorabbli Qorti kif presjeduta ma laqatx it-talba tar-rikorrenti.

14. Illi CM jinsab fi stat depressiv u ilu xhur twal f'dan l-istat. Sahansitra qieghed taht il-kura tal-Professur Spiteri u jiehu wkoll medicina kif preskritta. Di fatti r-rikorrenti ma jahdimx. Inoltre l-proprjeta' fejn jirrisjedi r-rikorrenti mhix proprjeta' tieghu, izda ta' missieru CM u in skambju jhallas mitejn ewro kera (biss) fix-xahar.

15. Illi CM jippercepixxi l-ammont mensili ta' hames mija u ghoxrin ewro (€520) liema ammont jigi percepit da parti tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali hekk kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dan il-kaz.

16. Illi dan id-digriet kompla jghakkas lill-esponenti medikament. Din mhix sitwazzjoni felici meta tqies li ghandek parti cioe' l-esponenti li jinsab marid, ma jistax jahdem u jippercepixxi l-ammont ta' €520 fix-xahar li minnhom irid izomm familja, jhallas il-kera u kontijiet ohra fejn jista' u spejjez ohra li minn zmien ghal zmien jinqalghu mentri r-rikorrenti NC tippercepixxi ferm aktar flus mensilment mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.

17. Illi l-esponenti bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonsidra dan il-fattur meta terga' tigi biex tikkunsidra t-talba tal-esponenti, altrimenti mhux se jkun possibbli ghalih li jhallas l-ammont ta'

€500 fix-xahar hekk kif ordnat permezz tad-digriet tal-25 ta’ Awwissu, 2019 u l-konsegwenzi jafhom kulhadd.

18. Illi sfortunatament id-digriet tal-25 ta’ Awwissu, 2019 kompla biex iggrava s-sitwazzjoni depressiva li jinsab fiha CM aktar u aktar meta jahseb li N C ser tkun qieghda tintavola r-rapporti appoziti kull darba li ma jhallasx l-ammont hekk ordnat fl-ammont ta’ hames mitt ewro fix-xahar (€500). Illi Omm u Missier CM qeghdin joffru l-ghajnuna taghhom billi jhallsu l-ammont minn buthom f’isem binhom dan sabiex jevitaw li jsiru tali rapporti li jistghu iwasslu biex jispicca inkarcerat.

19. Illi permezz ta’ dina l-kawza r-rikorrenti apparti li ser jitlob sabiex dina l-Onorabbli Qorti tvarja l-ammont deciz ta’ manteniment permezz tad-digriet datat 25 ta’ Awwissu, 2019, ser jghaddi ukoll biex jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna access favurih dan stante li ma hemm ebda digriet jirregola tali access.

**C. TALBIET ATTRICI**

**GĦALDAQSTANT, in vista tal-premess, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħoġobha: -**

1. Tiddikjara li l-ammont ta’ hames mitt ewro fix-xahar rapprezentanti manteniment li r-rikorrenti gie ordnat jivversa favur S u SYL ahwa M permezz ta’ digriet datat 25 ta’ Awwissu, 2019 huwa eccessiv u huwa prattikament ekwivalenti ghall-ammont li r-rikorrenti jippercepixxi bhala beneficcji socjali.
2. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet datat 25 ta’ Awwissu, 2019 lura mid-data li gie moghti dan id-digriet cioe’ mill-25 ta’ Awwissu, 2019 stess.

3. Tiffissa dik is-somma xierqa rapprezentanti manteniment ghal ulied ir-rikorrenti S u SYL. ahwa M , liema somma ghandha tirrifletti l-introjtu tar-rikorrenti u l-bzonnijiet tal-minuri skont il-mezzi tal-partijiet.
4. Tiffissa u tordna access favur ir-rikorrenti.
5. Tordna sabiex jigu allegati l-atti tal-proceduri ta' Medjazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet numru 131/2013 u 35/2019.

Bl-ispejjez kontra l-intimata inkluz dawn tal-Atti tal-Medjazzjoni minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta` NC li eccepit is-segwenti:-**

1. Illi dina r-Risposta Guramentata qieghda tigi intavolata mill-intimata hekk kif mitlub permezz ta` digriet moghti mill-Onor. Mhallef Dr. A. G. Vella nhar il-11 ta` Frar, 2020, wara r-rikors guramentat fl-ismijiet succitati ntavolat mir-rikorrenti.

2. Illi l-intimata umilment titlob illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda fl-intier taghha stante illi d-digriet datat nhar il-25 t`Awwissu, 2019 huwa wiehed ekwu u gust fid-dawl tac-cirkostanzi, stante illi r-rikorrenti mhux vera jiddependi biss fuq il-beneficci socjali hekk kif jirrizulta fil-mori ta` dawn il-proceduri, din il-kawza hija tentattiv iehor sabiex r-rikorrenti jattenta jahrab l-obbligi tieghu versu uliedu.

3. Tichad it-tieni talba, stante illi m'hemm l-ebda raguni valida ghalfejn dan ghandu jsehh.

4. Tichad it-tielet talba stante illi l-manteniment ghall-minuri S  u SYL.  huwa wiehed li jqerreb lejn il-minimu.

5. Tichad ir-raba` talba stante illi r-rikorrenti missier, mhuwiex ta` karattru affidabbli u responsabbli.

6. Illi l-intimata m`ghandha l-ebda oggezzjoni ghall-hames talba u cioe` illi jigu allegati l-atti tal- proceduri ta` medjazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet numru 131/2013 u 35/2019.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li minn issa jinsab ingunt in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi mressqa mill-partijiet.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-tfal Dr. Mary Muscat.

**<u>FATTI</u>**

**L-attur** jispjega kif fis-sena 2004 kien gie arrestat u wara kien inghata l-liberta' provizzjorja bil-kundizzjoni li jkun taht *house arrest*. Minhabba li ma setax johrog kien spicca waqa' f'depressjoni. Ma setax jahdem u kellu problemi

finanzjarji, sakemm kien sab jahdem f'supermarket vicin tad-dar u l-Qorti kienet akkordatlu ftit hin fejn seta' johrog sabiex imur jahdem.

Minhabba li kien gie arrestat kien qed isibha difficli jsib impjieg. Imbaghad spicca jahdem ma' Shaun Farrugia li kien jigi minnu.

Jispjega li peress li din il-kawza kriminali damet hmistax-il sena d-depressjoni zdiedet, l-iktar peress li hass li ma kellux tort u fil-fatt wehel biss mitt Euro fl-ahhar mill-ahhar. Kien anke jara l-psikjatra Dr. Joseph Spiteri.

Xi tmien snin ilu kien gie *boarded out* u jispicca jghix mill-beneficcji socjali.

Illum apparti l-ulied li kellu minghand il-konvenuta, ghandu familja ohra zewgt itfal maggorenni u S. ta' seba' snin. Minn mindu hareg id-digriet datat 25 ta' Awissu, 2019 peress li jghix go post mikri minghand missieru, dan tal-ahhar kien qed izommlu biss €150 fix-xahar minflok €200 biex ighinu.

Illum jippercepixxi €520 fix-xahar mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Ghalhekk jispjega li huwa difficli ghalih sabiex ihallas il-manteniment ghall-uliedu u jghijex familja ohra, kif ukoll ihallas il-kontijiet. Minhabba f'hekk il-konvenuta taghmel rapporti in kontinwazzjoni peress li ma jhallasx l-ammont kollu ta' manteniment.

**Il-konvenuta** tghid li l-partijiet kellhom relazzjoni, li minnha twieldu zewgt itfal S.  li ghandha tlettax-il sena u Shaylon li ghandha ghaxar snin.

Il-konvenuta tispjega li l-attur fetah dina l-kawza ghax dejjem jara x'ser jaghmel sabiex ma jhallasx manteniment jew jara kif ser inaqqsu, izda minkejja d-diversi tentattivi l-Qorti dejjem cahditlu t-talbiet.

Tghid li tghix ma' ommha u hutha u jghinuha finanzjarjament bit-tfal altrimenti ma kinitx tkampa.

Minkejja li l-Qorti kienet ordnat lill-attur ihallas manteniment fis-somma ta' €500 ghaz-zewgt ulied li jinkludu ukoll spejjes edukattivi u tas-sahha, hlief darba wahda biss kien hallas l-ammont totali ghax il-bqija jhallas biss €200 kull xahar ghaz-zewg ulied u ghalhekk ikollha taghmel rapport ghand il-pulizija.

Il-konvenuta elenkat diversi spejjes li jkollha tinkorri ta' kull xahar mill-ikel, ghall-ispejjes relatati mal-edukazzjoni u s-sahha, u dawk extra-kurrikulari u spejjes tal-utilitajiet.[1] L-ispejjes tal-football u dawk relatati tghid li thallashom mic-childrens allowance, jew inkella tissellef il-flus minghand tal-familja.

In kontro-ezami kkonfermat li fid-digriet ta' Ottubru, 2013, il-Qorti kienet ordnat lill-attur ihallas €150 fix-xahar ghaz-zewgt itfal u dak iz-zmien ic-cirkostanzi kienu l-istess tghid hlief li ma kienx hemm mard mentali. Tghid li l-Qorti kienet iddecidiet fuq dan l-ammont peress li kien il-habs.

Tispjega li l-access dak iz-zmien kien supervizjonat fil-presenza ta' social worker u kienet accettat li jkun hemm prezenti n-nanniet paterni, pero' mhux R , illum mart l-attur. Meta tfarfru ftit kienet accettat li jieqaf l-access taht supervizjoni u tkun fil-presenza taghhom meta jigi ezercitat ma' missierhom. Dan il-ftehim dam ghal ftit xhur u kienet issir anke fil-presenza ta' R,  izda mbaghad bdiet tiddejjaq ghax kienet qed tghaddi wisq hin hemm.

Dwar l-allegazzjonijiet tat-tfal li qalu lis-social worker u family therapist Charlene Attard Falzon, tghid li t-tfal ma kienu qalulha xejn qabel, u tghid li forsi

[1] Ara affidavit tal-konvenuta a fol.45

kien il-kaz peress li kienu ghadhom zghar. Meta bdew jitkellmu fuq dawn l-allegazzjonijiet ta' traffikar ta' droga kien wara li nghata d-digriet ta' access mill-Qorti. Illum it-tfal ma jridux imorru ghand missierhom ghax in kontinwazzjoni jghid kontra l-konvenuta u l-familja taghha.

Il-konvenuta tinnega li kienet taghmel xi xoghol *online*.

**Karen Cremona**, in rapprezentanza ta' Trasport Malta kkonfermat li f'isem l-attur irrizulta li kien hemmm zewg vetturi registrati f'ismu, izda wahda minnhom kienet skrappjata.[2] Qabel kellu erba' vetturi rregistrati fuq ismu.[3]

Il-konvenuta qatt ma kellha vetturi registrati fuq isimha.

**Christopher Spiteri**, in rapprezentanza ta' Trasport Malta pprezenta dokumentazzjoni dwar vetturi registrati f'isem l-attur, kif ukoll lista ta' vetturi li kellu fil-passat u m'ghadhomx registrati fuq ismu.[4]

**Joseph Saliba**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-attur[5] kif ukoll ir-registration history peress li l-attur ma jahdimx u lanqas jirregistra.[6] Ipprezenta ukoll l-employment history u registration history tal-konvenuta.[7]

---

[2] Dok. KC 1
[3] Dok. KC 2
[44] Dok. CS 1 u CS 2
[5] Dok. JS 1
[6] Dok. JS 2
[7] Dok. JS 3 u JS 4

**Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobsplus ukoll pprezenta l-employment history tal-konvenuta.[8]

**Joanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. u mir-ricerki li ghamlet jirrizulta li kien hemm kont savings bin-numru 40019939805 f'isem il-konvenuta u dan l-istess kont ghadu miftuh.[9]

**Lorraine Attard**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet, irrizulta li kien hemm kont wiehed savings fuq isem il-konvenuta li llum jinstab maghluq.[10]

**Dr. Joseph Spiteri**, psikjatra kuranti tal-attur ghal dawn l-ahhar seba' snin, jikkonferma li l-attur ibati minn kundizzjoni *Dual Diagnosis*, fejn ghandu iktar minn kundizzjoni psikjatrika wahda. Fil-fatt jikkonferma li l-attur ibati minn ADHD, *misuse* minn sustanzi illeciti u jbati ukoll minn kundizzjoni ta' depressjoni li hija parti minn *schizophrenic disorder* u qed jiehu kura ghal dina l-kundizzjoni. Jiehu ukoll *medical cannabis* sabiex tghatti s-sintomi msemmija.

Ighid li huwa difficli hafna ghall-attur sabiex isib impjieg bil-kundizzjoni tieghu ghax isibha difficli biex jobdi u jircievi biss social assistance minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u dan minhabba li qatt ma hallas bolla bizzejjed.

---

[88] Dok. LB 1
[9] Dok. JB 1
[10] Dok. LA 1

**Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar beneficcji tal-ghajnuna socjali li jircievi l-attur.[11]

**Stephanie Calafato Testa** fil-kapacita' taghha tal-Assistant Direttur Qrati Kriminali pprezentat diversi kawzi decizi fil-konfront tal-attur.[12]

**Charlene Attard Falzon**, tahdem bhala social worker u anke privatament bhala family therapist. L-ewwel li kienet iltaqghet mal-konvenuta kien xi seba' snin ilu meta kienet tahdem fic-Child Protection Services. Kien dahal rapport u mill-investigazzjonijiet li saru r-rapport kien fin-negattiv ghaliex ma kienx konklussiv.

Imbaghad kienet ghamlet kuntatt maghha biex tahdmilha privatament u dan kien ghall-habta ta' Gunju, 2020. Kienet qaltlilha li meta t-tfal jigu lura minghand missierhom jigu lura trawmatizzati. Kienet iltaqghet mat-tfal u wara li hassewhom komdi kellmithom wahedhom u t-tifla S kienet infaqghet tibki hafna li ma setghetx tifhimiha. Meta bdiet tkellem semmiet li missierha jkollu hafna flus, filwaqt li ommhom ma jkollhiex flus biex tixtrilhom hwejjeg. Qaltilha ukoll li l-attur jehodhom l-ghalqa u jhallihom hafna wahedhom. Insinwat li kien ikollu l-haxixa ghax kellu kaxxa kannella.

Meta tkellmet mat-tifel dan kien qalilha li gieli mar ma' missieru jaqdi u kien hareg ragel mahmug u qisu fis-sakra u missieru kien inewwilu xi haga.

Kemm it-tifla u t-tifel ma jixtiqux imorru ghand missierhom, ghalkemm it-tifel jiehu gost ghax fl-ghalqa hemm pool, izda gieli missierhom ikun fis-sakra u rawh anke jerfa' idejh fuq il-partner tieghu.

[11] Dok. ST 1
[12] SCT 1 – SCT 2

Tghid ghal-bazi ta’ dina l-laqgha kienet ippreparat rapport ghax it-tfal kienu mwerwrin, izda qatt ma kienet ltaqghet mal-attur. Tametti li kienet tkellmet mal-konvenuta u avzata li l-akkuzi li kienu qed jaghmlu t-tfal kienu serji u li jekk kienet ser tibqa’ tibghathom ghand il-missier u jigri xi haga kienet ser tkun komplici. It-tifla kienet anke baghtet ritratt tal-cannabis lil ommha. Ix-xhud stqarret ukoll li ma kinitx taf li l-attur kien jiehu *medical cannabis*.

**CM.** , missier l-attur jikkonferma li ibnu u l-familja tieghu ilhom ighixu fil-post li jikru minghandu ghal dawn l-ahhar disa’ snin. Ighid ukoll li qabel kien izommlu l-kera, izda minn meta hareg l-ordni tal-Qorti li ghandu jhallas €500 fix-xahar ghaz-zewgt itfal, beda jroddlu l-flus tal-kera lura sabiex ikun jista’ jkampa finanzjarjament.

Jinnega li l-attur illum jahdem u dan minhabba kundizzjoni medika li ghandu.

**RM** , mart l-attur tikkonferma li kien hemm zmien fejn l-access ghall-attur kien taht supervizjoni u li kien hemm zmien bejn 2015 u 2017, fejn il-konvenuta kienet iggib lit-tfal id-dar ghandhom jew l-ghalqa ta’ missier l-attur.

Tichad li l-attur isawwat lit-tfal taghhom u jaghlaqhom fil-kamra tal-banju.

Tinnega ukoll li l-attur jixrob jew li jahbi d-droga fil-*fireplace* u l-mizien li ghandhom id-dar huwa biex taghmel il-kejkiet.

Dwar it-tifla taghha S  tghid li ghanda xi teknologija tal-Apple, peress li qed tistudja u tahdem ukoll. Tghid li nannuha jghinha ukoll.

Dwar karozzi tghid li ma jipposjedux hamsa kif tallega l-konvenuta, izda ghandhom biss wahda Hyundai Getz. L-ohrajn jappartjenu lil missier l-attur.

Tishaq li ulied il-partijiet thobbhom u tistmaghhom daqs uliedha.

**SH.** , bint l-attur tghid li ommha R dejjem accettat ulied il-partijiet u dejjem ghamlet l-almu taghhom biex tistedinhom ghal kull festa d-dar taghhom. Tghid li m'ohtha S kellha relazzjoni tajba hafna sakemm kellha xi tghid mal-konvenuta li gieghlitha tibblukkjaha mill-mezzi socjali.

Tghid li hafna drabi titlob lill-konvenuta tghaddi l-messaggi lilha biex tghaddihom lill-attur.

**PS 772 Dionysius Agius** ipprezenta r-rapporti li saru mill-attur kontra l-konvenuta u dawk li saru mill-konvenuta kontra l-attur. Ipprezenta ukoll il-fedina penali tal-attur.[13]

## KONSIDERAZZJONIJIET

## MANTENIMENT

L-attur qed jitlob varjazzjoni fl-ammont ta' manteniment li jhallas u cioe' l-ammont ta' €500 fix-xahar ghaz-zewgt itfal skond id-digriet tal-25 ta' Awissu, 2019, stante li jhoss li huwa eccessiv u dan meta jircievi biss €520 fix-xahar mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

[13] Doks. DA 1 – DA 3

Il-partijiet kellhom relazzjoni u minn dina r-relazzjoni kellhom zewgt itfal. Sakemm kien hemm il-proceduri ta' medjazzjoni nurmu 131/2013, il-Qorti kienet ordnatlu li jhallas manteniment fis-somma ta' €150 u ma setax jara x'wassal ghal dina l-Qorti biex tawmenta l-ammont b'daqshekk. B'digriet tas-6 ta' Novembru, 2020, dina l-Qorti kienet naqset il-manteniment ghal €450 fix-xahar, liema ammont jinkludi fih ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Il-konvenuta stqarret li l-attur hallas l-ammont *in toto* darba biss, filwaqt li hemm verzjonijiet kontrastanti, ghaliex missier l-attur xehed li kien waqaf izommlu l-kera tal-post fejn qed jirrisjedi l-attur mal-familja u dan sabiex bihom ikun jista' jhallas il-manteniment lill-konvenuta. Filwaqt, l-attur ighid li missieru qed inqasslu €50 fix-xahar mill-kera sabiex ikun jista' jhallas il-manteniment.

L-attur spjega li hu kien wehel il-habs u minhabba f'hekk kien waqa' f'depressjoni u spicca mbaghad kellu problemi sabiex isib impjieg. Minhabba f'hekk iktar beda jhossu 'depressed'. Ghall-attur il-fatt li l-kawza kriminali damet sejra hmistax-il sena halliet impatt kbir fuqu, specjalment peress li kien konvint li ma kellux htija u fil-fatt wehel biss mitt Euro. Tant kien mentalment hazin li spicca kellu jara psikjatra l-Profs. Spiteri, li tela' jixhed u spjega li huwa difficli ghall-attur li jsib impjieg minhabba li jbati minn *Dual Diagnosis* li jwassluh biex ma jobdix struzzjonijiet, 'il ghaliex ibati minn iktar minn kundizzjoni psikjatrika wahda, l-ADHD, 'misuse' minn sustanzi illeciti u jbati ukoll minn kundizzjoni ta' depressjoni li hija parti minn schizophrenic disorder. Il-kura li qed jiehu ghal dina l-kundizzjoni hija l-medical cannabis sabiex tghatti s-sintomi msemmija.

Jidher car mir-rizultanzi processwali li l-attur jiddependi hafna fuq il-genituri tieghu, li donnhom anke jghinu lit-tfal tieghu.

Il-mezzi u l-kapacita' lavorattiva tal-attur donnhom huma llimitati minhabba diversi cirkostanzi li wassluh ghad-depressjoni u problemi psikjatrici ohra kif surriferit. Il-fatt li kien il-habs huwa relatat mad-droga.

Il-Qorti tinnota ukoll li Dr. Sonia Consiglio, in rapprezentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentat ricerki fuq l-attur u jirrizulta li kien hemm diversi ordnijiet tal-iffrizar tal-assi, li mbaghad gew rilaxxati fl-1 ta' Marzu, 2018, fosthom is-somma ta' €13,976.24.[14]

Madanakollu, huwa difficli ghal dina l-Qorti li temmen lill-attur li m'ghandux mezzi ohra ta' ghixjien u dan meta ghandu familja ohra. Il-verzjoni tal-konvenuta fejn tghid li jipposjedi hames karozzi, issir kredibbli meta minkejja li r-rapprezentanti tat-Transport Malta kkonfermaw li kien hemm biss vettura wahda f'isem l-attur, martu prezenti R M tikkonferma li l-hames vetturi li taghmel referenza ghalihom il-konvenuta huma ta' missier l-attur. Wiehed jaf kif imorru l-affarijiet f'dawn ic-cirkostanzi sabiex jitnehhew assi minn dak li jkun segwit bi proceduri l-Qorti, iktar u iktar meta l-attur kellu diversi proceduri kriminali l-Qorti. Mhux konvincenti ghal kollox ukoll il-verzjoni tal-attur meta l-konvenuta resqet provi li l-attur tramite ibnu Isaac miz-zwieg tieghu jmexxilu t-tigrijiet taz-zwiemel, delizzju tal-attur, li jqum il-flus, li minn x'imkien gejjin.

Il-konvenuta pprezentat stima tal-ispejjes li ghandha b'zewgt itfal. Spjegat ukoll li l-ispejjes tal-football u dawk relatati mal-istess attivita' extra-kurrikulari thallashom mic-childrens allowance.

L-attur ipprova jikkonvinci lil dina l-Qorti li apparti l-beneficcji socjali, il-konvenuta kienet tbiegh prodotti onlajn. Meta kkonfrontatha in kontro-ezami, il-konvenuta spjegat li ghamlet zmien tipprova tbiegh prodotti, izda ma komplietx. Dan jirrizulta ukoll mill-Facebook taghha.

L-attur ukoll jipprova jikkonvinci lill-Qorti, li l-konvenuta ghandha introjtu ahjar minn tieghu u dan meta anke ppruvat tbiegh pram fuq il-medja socjali ghall-prezz

---

[14] Fol. 244

ta' €800. Skond il-konvenuta dan kien inghatalha minn ohtha li kienet organizzat baby shower u gabru l-flus. Bir-rispett kollu ghandu jinghad li l-konvenuta kienet qed tipprova tbiegh dan il-pram li uzat ftit minhabba l-lockdown tal-Covid u dan kien fil-perjodu tas-sena 2020/2021, meta ghalhekk uliedha mill-attur kienu kibru u dan il-pram kien ta' tarbija minghand ragel iehor.[15]

Il-Qorti nnutat ukoll li mill-kontijiet tax-xiri li ghamlet il-konvenuta u li esebit sabiex turi l-ispejjes taghha, bir-rispett kollu ma jinkwadrax ir-realta' kollha ghaliex fihom hemm diversi spejjes relatati ma' tarbija, bhall-halib Aptamil, nappies Pampers u anke baby wipes, meta ulied il-partijiet li ghandhom tlettax u ghaxar snin rispettivament zgur ma jixorbux halib tat-trabi u lanqas ma jilbsu hrieqi.[16]

Irrizulta li l-partijiet jircievu beneficcji socjali. L-attur jircievi €5, 662.92, filwaqt li l-konvenuta tircievi €8, 058.48 u cioe' iktar mill-attur.

Ghalhekk jirrizulta li l-partijiet it-tnejn mhux kompletament kredibbli in kwantu jirrigwarda l-introjtu taghhom. Il-Qorti tikkunsidra ukoll li l-ammont ta' €450 li qed jithallas mill-attur huwa biss ftit izjed mill-minimu li bhala prassi qed tithallas lill-ulied minkejja l-introjtu tal-genitur u ghalhekk ma hemmx lok li jitnaqqas izjed minn hekk.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tirrevoka d-digriet taghha tas-6 ta' Novembru, 2020 li vvarjat id-digriet taghha tal-25 ta' Awissu, 2019 u ghalhekk tikkonferma li l-attur ghandu jhallas is-somma ta' €450 fix-xahar, li jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

[15] Fol. 284
[16] A fol. 75

**ACCESS**

Dwar l-access jirrizulta li nqalghu diversi problemi bejn il-partijiet. Inizzjalment kien hemm ordnat access taht supervizjoni, izda sussegwentement, il-partijiet kienu qablu li l-access isir fil-presenza tal-konvenuta u kienet tmur ghand l-attur jew fil-f*armhouse* ta' missieru sabiex it-tfal setghu jghumu hemmhekk.

Jidher li dan l-arrangjament hadem ghal ftit xhur, izda ma kienx iktar komdu ghall-konvenuta li tqatta' hafna hin ghand l-attur. Meta ma bdietx tkun hemm prezenti t-tfal kienu bdew jiddejqu. Maz-zmien tghid li bdew jiddejjqu jmorru u meta bdew jikbru kienu kellmuha dwar li kienu jaraw id-droga ghand missierhom. Kien ghalhekk li kienet tkellmet ma' Charlene Attard Falzon, social worker li kienet tkellmet mat-tfal darba. Tametti li ma kinitx tkellmet mal-attur. Irrizultalha li t-tfal kienu mbezza' u trawmatizzati meta jmorru ghand missierhom.

Semmewlha ukoll li gieli raw lil missierhom fis-sakra, kif ukoll it-tifel semma li kien gieli jkun ma' missieru u jmorru jiltaqghu ma' ragel mahmug.

Fir-rapport taghha rrakkomandat li l-minuri ghandhom jinghataw l-opportunita' li jaghtu x-xhieda taghhom f'post sikur u kemm huma kif ukoll il-konvenuta ghandhom jinghataw l-protezzjoni mehtiega.

Tal-istess fehma hija ukoll Doreen Camilleri, senior social worker fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-tfal, kif ukoll Dr. Mary Muscat, avukat tat-tfal.

Wara diversi laqghat mal-partijiet u uliedhom individwalment Doreen Camilleri kkonkludiet li l-minuri jingiebu ma' huthom, pero' ma jhossuhomx kuntenti jmorru ghand l-attur, specjalment peress li l-familja tieghu juru disprezz lejn il-konvenuta li wara kollox taghmel minn kollox ghalihom. Jibzghu minn missierhom ukoll ghax gieli rawh ikun vjolenti.

Irrakkomandat li l-ahjar ikun li kemm l-attur, kif ukoll it-tfal minuri ghandhom imorru ghall-*family therapy* peress li dawn tal-ahhar kienu qed jopponu li jmorru ghand missierhom.[17]

Fir-rapport taghha, Dr. Mary Muscat fil-kapacita' taghha ta' avukat tat-tfal ikkunsidrat li t-tfal huma esposti ghall-haxixa li jpejjep missierhom u ghandhom igorru x-xoffa li missier huwa maghruf bhala traffikant tad-droga minhabba proceduri li kien hemm kontrih. Jigu assoggettati ghal tghajjir minghand il-familja tal-attur u fejn jaghtuhom x'jifhmu li ha jirbhu dan il-kaz u dan bhala vendikazzjoni fuq il-konvenuta. Il-forma tad-dixxiplina li kien juza l-attur, kien bi swat partikolarment fuq it-tifel Shylon. Ikkonkludiet li ghandha tinghata ghajnuna psikologika lill-minuri bi hlas mill-attur, li l-attur u martu Roslyn jigu avzati sabiex ma jkomplux jiddisprezzaw lill-konvenuta.

Issuggeriet li ghandu jkun hemm il-*mandatory reporting* mill-ufficjali tal-Court Services fid-Dipartiment ghall-Harsien tat-tfal ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap.602.

Ghalhekk jirrizulta li hemm problemi bejn it-tfal u l-attur u trid issir hidma sabiex ir-rapporti jergghu jitjiebu. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-pariri tal-professjonisti nkarigati minnha u ghalhekk l-ewwel trid issir terapija tal-familja bejn it-tfal minuri u l-attur, u forsi ikun opportun li tigi nominata Charlene Apap Falzon, peress li donnhom it-tfal ihossuhom komdi maghha, filwaqt li t-tfal ghandhom bzonn jitkellmu ma' psikologu li ghandu jigi nominat minn dina l-Qorti. Dan kollu ghandu jsir fuq perjodu ta' sitt xhur u sadanittant m'ghandux ikun hemm access.

[17] Fol. 332

Fi zmien sitt xhur it-terapista u l-psikologu ghandhom jaghtu r-rakkomandazzjonijiet taghhom lill-Qorti liema hi l-ahjar triq li tittiehed ghall-minuri fl-ahjar interessi taghhom.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba attrici izda limitatament fis-sens li tikkonferma u tirriducih ghall-ammont ta' €450 skond id-digriet ta' dina l-Qorti tas-6 ta' Novembru, 2020;

ii) Tilqa' t-tieni talba attrici ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

iii) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina t-talba stante dak li gie deciz fl-ewwel talba surriferit;

iv) Tilqa' r-raba' talba limitatament biss ghar-rakkomandazzjonijiet li jsiru lil dina l-Qorti wara sitt xhur li l-attur u l-minuri jsegwu *family therapy* ma' Charlene Apap Falzon, kif ukoll l-istess tfal minuri jattendu sessjonijiet mal-psikologa Carmen Sammut, nominata minn dina l-Qorti.

v) Tastjeni tiehu konjizzjoni mill-hames talba peress li dina l-Qorti diga' ppronunzjat ruhha.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**